# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)

***Kump.259/97 NC***

***Pulizija***
***Sp. Raymond Vella Gregory***
***Sp.Alexandra Farrugia Mamo***
***v***
***Olaf Cini (1)***

Illum 7 ta' Marzu 2002

Il-Qorti,

Rat –

Semghet – Ikkunsidrat:-

***Akkuzi***

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat Olaf Cini huma, fit-termini tal-Att tar-Rinviju precitat, bazati fuq is-segwenti reati:

**Falsifikazzjoni** u **Uzu** ta' dokumenti foloz (Art.167, 169, 183 u 184 Kap.9);

**Truffa** (Art.308 Kap.9);

**Ksur kondizzjoni ta' sentenza sospiza** (Art.28B Kap.9) -

*rifferribbilment ghal-ahhar xhur qabel l-20 ta' Mejju 1997.*

***Kwadru tal-fatti***

Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Fil-perijodu inkriminat l-imputat beda jahdem bhala *salesman* mas-socjeta' Owners Direct Ltd. Matul dan il-perijodu huwa seraq *cekk book* mill-ufficju ta' Martin Webster, direttur ta' din il-kumpanija, u hareg numru ta' *cekks* fuq diversi nies, wara li kien ffalsifika l-firma tal-imsemmi Martin Webster. L-imputat ghamel uzu minn dawn ic-*cekks* falsfikati bi skop ta' ingann u, rigward xi uhud minnhom, wkoll bi skop ta' qligh ghad-dannu tal-persuni li rcevewhom.

*Stqarrija tal-imputat*

Illi fl-istqarrija tieghu l-imputat ammetta dawn il-fatti. Ammetta wkoll li kien ffalsifika firem tal-klijenti fuq applikazzjonijiet tal-Owners Direct peress li *"kont sejjer hazin fuq ix-xoghol, m' ghamiltx sales u bdejt nibza li nitkecca." (fol.29).* Hu cahad li dak li kien ghamel kien ghamlu bi skop lucrativ. Fi kliemu stess *" ... dak li ghamilt m' ghamiltux biex nghamel qligh minn fuq in-nies."(fol.29)*

***<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>***

Illi qabel xejn il-Qorti tosserva li l-imputat kien jipprezenta ruhu mal-'klijenti' bhala Chris Cini, u di fatt minn dokumenti esebiti jirrizulta li huwa kien jiffirma that dan l-isem.

Illi rigward ic-cekks falsifikati minnu u li huwa kien ghadda lill-klijenti ossia vittmi tieghu, ghandha ssir distinzjoni bejn dawk c-cekks li bl-uzu taghhom l-imputat ghamel qligh konsegwenzjali, u dawk li, ghalkemm gew falsifikati u uzati u *'gew referred to drawer',* ma sar ebda qligh da parti tieghu u l-persuni li rcevew ma soffrew ebda dannu finanzjarju.

Din il-konsiderazzjoni hija relevanti, stante li biex jikkonfiguraw r-reat ta' **Truffa u/jew Frodi nnominat** irid jigi pprovat fil-grad li jesigi d-dritt penali li permezz tal-messa in xena jew ingann iehor sar qligh konsegwenzjali ghad-dannu ta' terzi. In mankanza ta' tali prova, ghalkemm xorta wahda jistghu jissussitu r-reati ta' ***Falsifikazzjoni ta' dokumenti*** u dak ta' ***Uzu tal-istess***, ir-reati fuq indikati ma jistghux jikkonfiguraw.

*<u>The Workshop Company Ltd.</u>*

Il-proprjetarju ta' din il-kumpanija, Edward Schmebri, kien ghamel booking order ghal-riklami biex jidhru fuq il-magazine *'Notice board'* avvjat mis-socjeta' Owners Direct, u hareg cekk ta' LM468 fuq isem din is-socjeta'. Sussegwentement l-imputat cempillu u qallu li c-cekk kien intilef u talbu sabiex jghamel cekk iehor biex jissostitwih. Iz-zewg cekks ssarfu, u l-imsemmi Edward Schembri talab lill-imputat sabiex jirrifondilu s-somma ta' LM468 li huwa kien hallas darbtejn. L-imputat hariglu cekk falz f' dan l-ammont li gie dizonorat mill-bank *"drawer's signature differs"*. Fl-istqarrija tieghu l-imputat sostna li huwa kien hareg dan ic-cekk falz peress li Edward Schembri kien qed jheddu u skond, l-imputat *"hrigtlu cekk biex jieqaf jheddidni" (fol.28)*.

In propositu l-Qorti tosserva li din l-ahhar asserzjoni ma treggix, ghax anki, jekk *dato non concesso* l-imputat kien qed jigi mhedded mill-imsemmi Edward Schembri, il-hrug ta' <u>cekk falz</u> bil-probabilita' li jigi dizonorat mill-bank, ma kienx ser jwaqqaf it-theddid da parti ta' Schembri li gustament kien qed jigri wara flusu.

Minn naha l-ohra jigi osservat li, ghalkemm irrizutaw *ex admissis* il-falsifikazzjoni tac-cekk u l-uzu tal-istess, ma harigtx car mill-provi minn kien sarraf iz-zewg cekks ta' LM468 u cioe' jekk hux Martin Webster jew l-impuat; u ghalkemm <u>is-suspett qawwi</u> jaqa' fuq l-imputat, il-Qorti tosserva li dan mhux bizzejjed sabiex jitqies bhala sodisfacentement provat l-ingredient tal-qligh da parti tal-imputat. Ghaldaqstant ir-reat ta' Truffa ma jistghax jikkonfigura, u jikkonfiguraw biss ir-reati ta' ***Falsifikazzjoni*** ta' dokumenti u ***Uzu*** tal-istess.

<u>*Lipstick Modelling Agency – Premier One International Promotions.*</u>

Tlett cekks foloz ohra mahruga mill-imputat f' isem is-socjeta' Owners Direct Ltd fil-perijodu inkriminat, huma ta' LM270, LM1,500 u LM37,332 indirizzati l-ewwel wiehed lill-Lipstick Modelling Agency u t-tnejn l-ohra lill-Premier One International Promotions - zewg kumpaniji gestiti minn Moira Gauci Maistre.

Rigward l-ewwel cekk ta' <u>LM270</u> jirrizulta li l-imputat kien ghamel ordni sabiex isir xoghol minn naha ta' **Lipstick Modelling Agency** u kkonsenja c-cekk <u>**qabel**</u> ma sar ix-xoghol. Sussegwentement sar ix-xoghol, izda c-cekk gie dizonorat u l-kumpanija baqghet ma thallsitx tax-xoghol li kienet ghamlet. Ghaldaqstant f' dan il-kaz

jikkonfiguraw, minbarra r-reati ta' ***Falsifikazzjoni*** ta' dokumenti u ***Uzu*** tal-istess, jikkonfigura wkoll r-reat ta' ***Truffa*** kontemplat fl-Artikolu 308, stante li l-imputat permezz ta' *messa in scena* (cekk falz) ghamel qligh konsegwenzjali (xoghol mill-kumpanija) fl-imsemmi ammont ghad-dannu tal-imsemmija socjeta'.

Ic-cekk ta' LM1,500 mahrug fuq **Premier One International Promotions** kien suppost li jirrapprezenta penali li, skond l-imputat is-socjeta' Billa Bong, kellha thallas lilha u lill-Owners Direct tax-xoghol li ma kienx sar. Dan ic-cekk falz gie wkoll dizonorat mill-bank; izda ma rrizultax li kien sar xi qligh jew xi dannu konsegwenzjali bil-hrug u bl-uzu ta' dan ic-cekk. Ghaldaqstant f' dan il-kaz jikkonfiguraw biss ir-reati ta' ***Falsifikazzjoni*** ta' dokumenti u ***Uzu*** tal-istess.

It-tielet cekk, ta' LM37,332, huwa ukoll cekk falz indirizzat lill-imsemmija **Premier One International Promotion** u mghoddi wkoll lill-imsemmija Moira Gauci Maistre. Dan ic-cekk kien rizultat ta' skrittura privata li saret bejnha u bejn s-socjeta' Owners Direct li giet iffirmata mill-imputat bhala Chris Cini u bhala Martin Webster. Skond dan il-ftehim is-socjeta' kellha tghamel xi xoghol lill Owners Direct. L-imputat ikkonsenjalha cekk bil-firem ta' Chris Cini u bil-firma falsifikata ta' Martin Webster, qabel ma kellu jibda ix-xoghol. Ix-xoghol baqa' ma sarx.

Dan ic-cekk falz gie wkoll dizonorat mill-bank; izda ma rrizultax li kien sar xi qligh jew xi dannu konsegwenzjali bil-hrug u bl-uzu ta' dan ic-cekk. Ghaldaqstant f' dan il-kaz jikkonfiguraw biss ir-reati ta' ***Falsifikazzjoni*** ta' dokumenti u ***Uzu*** tal-istess.

*Mincott Company Limited*

Cekk falz iehor huwa fl-ammont ta' LM300 pagabbli lill *'Mr.Chris Cini'*. Fil-perijodu inkriminat l-imputat kien ikkuntattja lill Anthony Cutajar li jiggestixxi l-kumpanija **Mincott Company Limited**. u offrielu li jghamlulu riklami fuq it-televizjoni. Anthony Cutajar xehed li lill-imputat tah flus kontanti b' kollox LM400 circa ghal dan ix-xoghol li qatt ma sar. Rigward dan l-ammont, il-Qorti tosserva li mill-provi rrizulta sodisfacentment provat l-hlas ta' LM120 li gew konsenjati lill-imputat direttament minn Anthony Cutajar. F' dan il-perijodu, l-imputat talab lill-istess Cutajar sabiex isarrafflu cekk ta' LM300 indirizzat *'Mr.Chris Cini'*. Dan tah ic-

cekk falz u Cutajar tah LM300 flus kontanti. Ic-cekk ma giex onorat mill-bank u l-flus ma gewx ritornati lill Anthony Cutajar li allura, permezz ta' din il-messa in xena da parti tal-imputat, huwa sofra dannu konsegwenzjali u l-imputat ghamel qligh fl-isemmi ammont. Ghaldaqstant rigward dan l-ammont ta LM300 jikkonfigura r-reati ta' **Falsifikazzjoni**, **Uzu** ta' cekk falz u **Truffa**.

Rigward is-somma ta' LM120 fuq indikata, il-Qorti tosserva li, ghalkemm jesisti <u>suspett qawwi</u> li dina kienet giet akkwistata mill-imputat b' ingann, ma hemmx provi sodisfacenti fil-grad li jesigi d-dritt penali li dan il- pagament ma giex mghoddi legittimament mill-imputat lid-direttu ta' Owners Direct u li allura l-kwistjoni tirriduci ruhha bhala wahda kummercjali priva minn element kriminuz. Wara kollox l-imputat kien impjegat mad-ditta Owners Direct bhala *salesman*. Dan id-dubbju ragjonevoli qed jinghata lill-imputat in omagg ghall-principju *'in dubbio pro reo'*

<u>*Selmun Palace Hotel*</u>

Rigward iz-zewg cekks ta' LM238 u LM196.66 indirizzati lill Maritime Selmun Palace Hotel, il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta li l-imputat kien ghamel zewg bookings ghal zewg weekends fil-lukanda fuq isem Chris Decelis. Huwa f' zewg okkazzjonijiet separati hareg iz-zewg cekks iffalsifikati minnu fuq il-kont ta' Owners Direct. Dawn ic-cekks ma ssarfux mill-bank u **l-flus ghadhom dovuti**. F' dan il-kaz jikkonfiguraw ir-reati ta' ***Falsifikazzjoni*** ta' cekks u **Uzu** tal-istess. Ir-reat ta' Truffa ma jikkonfigurax stante li ma giex provat li c-cekks gew konsenjati <u>qabel</u> ma' l-imputat inghata s-servizz. Ma giex provat li l-gwadann (f' dan il-kaz mawra ta' zewg weekends fil-lukanda) kien <u>konsegwenzjali</u> ghac-cekks li hareg l-imputat. Izda pero' jirrizulta manifest ir-reat, minuri kompriz u involut, ta' ***Frodi Nnominat*** kontemplat fl-artikolu 309, stante li rrizulta li b' ingann l-imputat igwadanja servizz li ma kellux intenzjoni li jhallas ghalih. L-entita' tal-gwadan huwa misurat mill-ammonti li jdhru fuq ic-cekks.

<u>*Mr.A.H.Reeks*</u>

Rigward ic-cekk ta' LM1,000 mahrug fuq *"Mr.A.H. Reeks"* datat 1 ta' Frar 1996, rrizulta li dana kien gie kkonsenjat lilTony Ghio minn l-imputat. Skond Joseph Micallef dan l-ammont kien jirrapprezenta ammonti mislufa lill-imputat f' diversi okkazzjonijiet. Fil-konfront ta' dan ic-cekk il-Qorti tosserva li ma giet provata ebda azzjoni kriminuza da parti tal-imputat.

*Kumpanija Energy*

Rigward id-deposizzjoni ta' Nadine Cassar Desain li xehdet li hija tahdem mal-kumpanija Energy u li huma kienu taw lill-imputat zewg cekks fl-ammont globali ta' LM300 ghal xoghol ta' advertising fuq it-televizjoni, liema xoghol skond ix-xhud baqa' ma sarx, il-Qorti tosserva li din it-transazzjoni tezorbita mill-parametri tal-akkuzi in disamina, u tirriduci ruhha ghal kwistjoni ta'natura kummercjali u mhux kriminali. Jidher ukoll li c-cekks gew indirizzati lill-Owners Direct u mhux lill-imputat, u, salv ghall-fatt li l-imputat ipprezenta ruhhu b' isem falz, ma giex provat li huwa kien ghamel xi qligh b' ingann ghad-dannu ta' terzi. Wara kollox, kif fuq diga' spjegat, l-imputat kien impjegat mal-Owners Direct u kien fid-dmir li jinnegozja ghan-nom taghhom. Il-fatt li x-xoghol baqa' ma sarx jista' jkun dovut ghal nuqqas tal-imputat imma jista' jkun wkoll dovut ghan-nuqqas ta' min hu responsabbli ghal Owners Direct li wara kollox hadet il-flus. Dan id-dubbju ragjonevoli jmur favur l-imputat.

*Sentenza Sospiza*

Illi mill-provi rrizulta sodisfacentement provat li permezz ta' sentenza mghotija minn din il-Qorti fis-17 ta' Novembru 1994 fl-ismijiet *Pul.v Olaf Cini*, l-istess imputat kien gie misjub hati ta' akkuzi bazati fuq ir-reati kontemplati fl-Artikoli 167(1), 183, 184 u 308, u kien gie kkundannat sentejn prigunerija sospizi ghal sentejn. Illi rrizulta car li r-reati in disamina, li huma wkoll bazati fuq dawn l-Artikoli, saru fiz-zmien tal-perijodu operattiv; u ghalhekk hemm ksur tal-kondizzjoni tas-sentenza sospiza.

***Piena***

Illi in propositu ghall-piena, il-Qorti tosserva li f' dan il-kaz jidher car mill-provi li l-imputat pprova jahdem fil-hajja tal-kummerc b'ingann u b' raggiri, u dana kontra l-principju fondamentalissimu li l-esercizju tal-kummerc u r-relazzjonijet kummercjali ghandhom isiru fi spirtu ta' *uberrimma bona fide (utmost good faith).* Kieku kellu jitwarrab dan il-principju, l-ebda negozjant ma jaccetta cekks u l-ebda negozjant ma jghati xoghol *'on credit'*. Ghalhekk l-Qrati tal-Gustizzja Kriminali ghandhom id-dover legali li japplikaw pieni proporzjonati izda adegwati sabiex iservu bhala

deterrent effettiv ghal min jipprova jisfrutta din l-*bona fede* li qeda fil-bazi tal-hajja kummercjali.

Illi l-Qorti kkunsidrat wkoll il-fatt li l-imputat, fil-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza, kkommetta l-istess tip ta' reati li kien gie misjub hati taghhom fis-sentenza fuq indikata. Dak iz-zmien il-Qorti kienet uriet grad ta' klemenza mal-imputat billi ssopendiet l-effetti ta' dik is-sentenza bl-isperanza li l-imputat ikun irrikonoxxa l-izball li kien ghamel u ma jergax jikser il-ligi; izda dan l-beneficju li gie akkordat lilu mill-Qorti jidher li ma kellux l-effett desiderat stante li l-imputat rega' kkommetta l-istess tip ta' reati, u ghalhekk f'dan il-kaz ghandha timponi piena karcerarja, oltre li tordna li s-sentenza sospiza tigi fis-sehh skond kif hemm kontemplat fl-Artikolu 28B tal-Kap.9

Illi fil-komputazzjoni tal-piena l-Qorti applikat skond il-ligi l-principji li jirregolaw l-unicita' tar-reati kif ukoll l-assorbiment tal-pieni ai termini tal-Artikolu 17 tal-imsemmi Kap.

Illi rigward **l-ammont formanti l-oggett passiv tar-reati** ta' Truffa u Frodi Nnominat, il-Qorti tosserva li mill-provi rrizulta li dana jissupera l-hames mitt lira maltin kif fuq dettaljatament indikat (vide – Lipstick Modelling Agency, Mincott Company Ltd. u Selmun Palace Hotel

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati skond l-akkuzi u – wara li rat l-Artikoli 17, 18, 28A, 28B, 28E (2), 167, 169, 183, 184, 308 u 310 (1)(a) tal-Kap.9 – tikkundannah ghall-piena komplessiva ta' ***prigunerija ghal zmien tlett snin u tmien xhur*** – mill-liema perijodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-imputat kien dam mizmum that arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz.

***Dr.Noel Cuschieri***

***Magistrat***